



EUROPEAN MEDICINES AGENCY
SCIENCE MEDICINES HEALTH

EMA/213714/2019
EMA/H/C/003971

Sevelamer carbonate Winthrop¹ (*karbonat ta' sevelamer*)

Ħarsa ġenerali lejn Sevelamer carbonate Winthrop u għalfejn huwa awtorizzat fl-UE

X'inhu Sevelamer carbonate Winthrop u għal xiex jintuża?

Sevelamer carbonate Winthrop huwa mediċina użata biex tikkontrolla l-iperfosfatemija (livelli għoljin ta' fosfat fid-demmm):

- f'pazjenti adulti fuq id-dijaliżi (teknika biex jitneħħew sustanzi mhux mixtieqa mid-demmm);
- f'adulti u fi tfal li għandhom aktar minn 6 snin b'marda kronika (fit-tul) tal-kliwi.

Sevelamer carbonate Winthrop għandu jintuża ma' kuri oħrajn bħal supplimenti tal-kalċju u l-vitamina D biex jipprevjeni l-iżvilupp ta' mard tal-għadam.

Fih is-sustanza attiva karbonat ta' sevelamer.

Kif jintuża Sevelamer carbonate Winthrop?

Sevelamer carbonate Winthrop jiġi bħala pilloli (800 mg) u bħala trab (800 mg u 2.4 g) li għandhom jittieħdu tliet darbiet kuljum mal-ikliet.

Id-doża li għandha tittieħed tiddependi mil-livell tal-fosfat fid-demmm tal-pazjent u, għat-tfal, mit-tul u mill-piż tagħhom. Sevelamer carbonate Winthrop m'għandux jittieħed fuq stonku vojta u l-pazjenti għandhom iżommu mad-dieti mogħtija lilhom mit-tabib tagħhom.

Il-mediċina tista' tinkiseb biss b'riċetta ta' tabib. Għal iktar informazzjoni dwar l-użu ta' Sevelamer carbonate Winthrop, ara l-fuljett ta' tagħrif jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

Kif jaħdem Sevelamer carbonate Winthrop?

Is-sustanza attiva f'Sevelamer carbonate Winthrop, il-karbonat ta' sevelamer, teħel mal-fosfat. Meta tittieħed mal-ikliet, hija teħel fl-imsaren mal-fosfat mill-ikel, u b'hekk tipprevjeni l-fosfat milli jiġi assorbit fil-ġisem u tgħin biex jitnaqqsu l-livelli tal-fosfat fid-demmm.

¹Precedentement magħruf bħala Sevelamer carbonate Zentiva.



X'inhuma l-benefiċċji ta' Sevelamer carbonate phosphate li ħarġu mill-istudji?

Studji wrew li Sevelamer carbonate Winthrop huwa effettiv biex jitbaxxew il-livelli ta' fosfat fid-demm f'pazjenti b'iperfosfatemija.

F'żewġ studji ewlenin f'110 adult b'mard tal-kliwi li kienu fuq id-dijaliżi, Sevelamer carbonate Winthrop naqqas il-livelli ta' fosfat għal madwar 1.5-1.6 mmol/l (li huwa fil-firxa normali jew qribha) u kien effettiv daqs Renagel, li hija mediċina oħra approvata.

Fit-tielet studju ewlieni f'49 adult li ma kinux fuq id-dijaliżi, Sevelamer carbonate Winthrop naqqas il-livelli ta' fosfat minn 2.0 mmol/l għal 1.6 mmol/l.

Fl-aħħar nett, studju ewlieni wera wkoll li Sevelamer carbonate Winthrop kien effettiv biex inaqqas il-livelli tal-fosfat f'100 tifel u tifla: tfal li ħadu Sevelamer carbonate Winthrop kellhom tnaqqis akbar fil-fosfru (0.87 mg/dl) minn dawk li kienu qed jieħdu plaċebo (kura finta) li kellhom żieda fil-fosfru ta' 0.04 mg/dl.

X'inhuma r-riskji assoċjati ma' Sevelamer carbonate Winthrop?

L-effetti sekondarji l-aktar komuni b'Sevelamer carbonate Winthrop (li jistgħu jaffettwaw aktar minn persuna 1 minn kull 10) huma nawżja (tħossok ma tiflaħx), rimettar, uġiġħ addominali fil-parti ta' fuq (fiż-żaqq) u stitikezza. Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji ta' Sevelamer carbonate Winthrop, ara l-fuljett ta' tagħrif.

Sevelamer carbonate Winthrop m'għandux jintuża f'persuni li għandhom livelli baxxi ta' fosfat fid-demm jew ostruzzjoni fil-musrana (imsaren miżdudin). Għal-lista sħiħa tar-restrizzjonijiet, ara l-fuljett ta' tagħrif.

Għaliex ġie approvat Sevelamer carbonate Winthrop?

Studji juru li Sevelamer carbonate Winthrop huwa effettiv biex inaqqas il-livelli ta' fosfat fid-demm f'pazjenti b'iperfosfatemija, u l-effetti sekondarji tiegħu huma kkunsidrati ġestibbli. Għaldaqstant, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ddeċidiet li l-benefiċċji ta' Sevelamer carbonate Winthrop huma akbar mir-riskji tiegħu u li jista' jiġi awtorizzat għall-użu fl-UE.

X'miżuri qegħdin jittieħdu biex jiġi żgurat l-użu sigur u effettiv ta' Sevelamer carbonate Winthrop?

Fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u fil-fuljett ta' tagħrif ġew inklużi r-rakkomandazzjonijiet u l-prekawzjonijiet li għandhom jiġu segwiti mill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u mill-pazjenti għall-użu sigur u effettiv ta' Sevelamer carbonate Winthrop.

Bħal fil-każ tal-mediċini kollha, id-data dwar l-użu ta' Sevelamer carbonate Winthrop hija ssorveljata kontinwament. L-effetti sekondarji rrapportati b'Sevelamer carbonate Winthrop huma evalwati bir-reqqa u kull azzjoni meħtieġa hi meħuda biex tiproteġi lill-pazjenti.

Informazzjoni oħra dwar Sevelamer carbonate Winthrop

Sevelamer carbonate Winthrop rċieva awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq valida fl-UE kollha fil-15 ta' Jannar 2015. Din l-awtorizzazzjoni kienet ibbażata fuq l-awtorizzazzjoni mogħtija lil Renvela fl-2009 ('kunsens infurmat').

Aktar informazzjoni fuq Sevelamer carbonate Winthrop tinstab fis-sit elettroniku tal-Aġenzija: ema.europa.eu/medicines/human/EPAR/sevelamer-carbonate-winthrop.

Din il-ħarsa ġenerali ġiet aġġornata l-aħħar f'04-2019.